MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 11/2005

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Filletti** ta' 20 sena, bin Joseph u Cathrine nee' Muscat, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1984, residenti f' 10 'Nadan', Triq Depiro, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 467484(M);

Akkuzat;
Talli nhar l-10 t' Ottubru, 2004, f'xi hin fejn l-erbgha u l-erba' u nofs ta' wara nofsinhar, gewwa l-BMX Track ta' Triq San Patrizju, Pembroke u/jew fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Ryan Abdilla skond kif certifikat mit-tabib Dr. W. Sawicki MD u dan bi ksur tal-Art. 214 u 216 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Art. 338(dd) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Ryan Abdilla jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti (Art. 383 ta' Kap 9)

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz ikun trattat u deciz tal-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati.

Rat l-art. 214, 216, u 338(dd) Kap 9

Minflok li tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa sentejn mil-lum u dan ai termini tal-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------